MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 8/2005/2

**Teddy Grech**

**vs**

**International Sales Direct**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta’ Settembru, 2006, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fil-5 ta’ Awissu 2005 fejn ir-Rikorrenti talab danni ta’ erba’ mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm475) rapprezentanti prezz ta’ Air Condition li kellu jkun “Silent” pero kien jaghmel hafna storbju.

L-intimatipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess Rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kien xtara Air Condition ghal prezz ta' erba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm475) u beda jaghmel hafna storbju.

2. L-Intimat issottometta illi ghad baqa' bilanc ta' hamsa u hamsin lira Maltin (Lm55) li r-Rikorrenti baqalu jhallas u li huwa lest li jsewwi.

3. It-Tribunal qabbad espert lil Mr. Vincent Ciliberti li mar fuq il-post fejn gie konstatat illi l-livell tal-hoss ma huwiex accettabbli.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-Rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' tliet mija u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm348) li jinkludu l-ispejjez ta' l-espert u l-ispejjez kontra l-istess intimat b' dan illi l-Air Condition jigi proprjeta` ta' l-intimat wara li jsir il-hlas u jinqala' biss wara li jkun sar il-hlas."

Minn din is-sentenza appella r-rikorrenti bl-aggravju uniku kontestanti l-ammont aggudikat mit-Tribunal. Huwa jissottometti illi ma jaghmelx sens illi, wkoll bis-sussidju ta' perizja teknika favorevoli, it-Tribunal jaghtih ragun u, imbaghad, ma jaghmillux "*restitutio in integrum*" pjen ta' dak li zborsa ghax-xiri ta' l-oggett, hekk dikjarat vizzjat;

Ma jidherx li dan l-appell in bazi ghall-impustazzjoni tieghu jimmerita wisq approfondiment jekk mhux forsi biex jigi

spjegat il-ghala din il-Qorti ssib li l-appellanti ghandu ragun fil-lanjanza tieghu;

Irrizulta mill-atti illi fuq inizzjattiva tieghu t-Tribunal innomina espert tekniku sabiex jivverifika l-livell tal-hoss fl-*air condition* komprat mill-appellanti minghand is-*sub-agent* f' Ghawdex tad-ditta intimata. Skond il-perizja tieghu l-espert iddetermina li fuq il-bazi tad-*decibal readings* li ha l-livell tal-hoss kien inaccettabbli. It-Tribunal adotta din il-perizja pero` in segwitu ghadda biex jilqa' t-talba ta' l-appellanti in parte. Fis-sentenza, issa attakkata, ma tinghata ebda raguni ghal din id-decizjoni;

Dan premess, jibda biex jigi osservat bi preliminari illi kif inhu sew maghruf il-perizja teknika ghandha funzjoni duplici. Dik li tindividwa l-oggett tal-prova u l-valutazzjoni maghmula dwarha mill-espert. Naturalment, isservi ta' accertament ghal min hu profan tal-qaghda rilevabbli biss bl-ghajnuna ta' konoxxenza teknika determinta. Fil-fattispeci, attinenti ghall-gudizzju ta' l-accertament tal-livell tal-hoss fl-oggett mixtri;

Huwa intwittiv illi l-gudikant li jirrikonoxxi bhala konvincenti l-valutazzjoni ta' l-espert nominat minnu, u jikkondividi l-konkluzjoni tieghu jgib li d-difiza tal-kontro-parti fuq l-aspett tekniku kienet qed titwarrab minnu. F' sitwazzjoni bhal din il-logika tiddetta illi l-gudikant ghandu jilqa' l-ilment sottomess lilu jew, jekk jidhirlu fic-cirkustanzi li ghandu jvarja minnu, li, fil-minimu, jipprovdi raguni sobrija il-ghala kien qed jaghmel dan. Jekk jonqos f' dan tinsorgi sitwazzjoni ta' vjolazzjoni tar-regola ta' gustizza naturali ghax ikun ifisser, fl-assenza ta' motivazzjoni bhal din, illi l-konkluzjoni raggunta hi wahda illogika. Ara f' aktar dettal fuq dan il-punt is-sentenza pronunzjata minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu 2007 in re: "**Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi *et***";

Isegwi minn dan illi konkluzjoni ta' sentenza titqies vizzjata meta filwqat li tirraguna li qed taderixxi mal-konkluzjoni ta' l-espert, tghaddi ghar-riduzzjoni tas-somma mitluba bla ebda hjiel ta' xi ragonament perswasiv illi induca lill-gudikant jaghmel dan. Taht il-profil logiku-guridiku dan mhux accettabbli. Mera affermazzjoni mhux korroborata la minn xi element probatorju u lanqas sostenuta b' ragonament objettiv ma taspirax ghall-akkoljiment tal-parti disposit
tiva ta' sentenza, lanqas wahda moghtija mit-Tribunal specjali adit fil-qafas ta' dawk l-attribuzzjonijiet akkonsentiti lilu bl-Artikolu 23 (2) tal-Kapitolu 378;

Hu l-kaz allura li din il-Qorti tiddiskosta ruhha mis-sentenza u bl-adozzjoni tal-perizja teknika in atti tghaddi biex takkolji d-domanda ta' l-appellanti limitatament pero` in korrispondenza ghas-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira (Lm420) minnu effettivament imhallsa.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk tirrifoma s-sentenza appellata billi tikkundanna lid-ditta appellata tirrifondi lill-appellanti s-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira (Lm420) li hu hallas ghall-*air condition*. In aggunta l-istess ditta appellata ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-perizja u dawk taz-zewg istanzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------